MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 199/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D.
LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 199/2007 FDP
Fl-ismijiet:**

**Onor Dolores Cristina (ID 77649M)
u Brian Magro (ID 209867M)**

**vs**

**Onor Dr Alfred Sant**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikorsipprezentat fit-3 ta' Lulju 2007 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti illi, prevja dikjarazzjoni illi l-artikolu intitolat "Hosba ta' Tixhim" ippubblikat fil-harga ta' 'It-Torca' ta’ l-1 ta' Lulju 2007, li tieghu l-intimat kien l-awtur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-atturi, bhala Ministru u 'Head of Secretariat' rispettivament, billi joffendi l-unur u l-fama taghhom u jesponihom ghar-redikolu jew id-disprezz tal-pubbliku, l-istess intimat jigi kundannat ihallas lil kull wahda u wiehed mir-rikorrenti dik is-somma li tigi llikwidata minn dina l-Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat illi laqa ghat-talba maghmulha billi eccepixxa:-

1. Illi l-artikolu indikat mill-atturi mhuwiex libelluz fil-konfront ta' l-istess atturi;

2. Illi, fil-kitba indikata mill-atturi, l-eccepjent imkien ma ghamel jew ried jaghmel xi akuzi ta' tixhim fil-konfront taghhom personalment, u lanqas ma jiftiehem f'dan is-sens;

3. Illi, fl-artikolu msemmi, l-eccepjent kien qieghed jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika bhala deputat tal-poplu, kif inhu dritt u obbligu tieghu, fuq materja serja u ta' interess pubbliku dwar amministrazzjoni pubblika;

4. Illi, inoltre, l-istess diskors kien jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni u apprezzament, jew value judgement, ta’ l-ecipjent u huwa fair comment fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern ippubblikat fuq it-Torca ta' l-1 ta' Lulju 2007, u partikolarment is-silta inkriminatorja, illi taqra kif gej:-

*"Tassew li qabdithom il-hosba tat-tixhim. Ghax kif tispjega li barra milli sirna nafu fuq Mugliette u Galea, iqumu fl-istess hin, kwistjonijiet dwar tixhim fis-segretarjat privat tal-ministri Cristina u Deguara? Lill-kabinett ta' Gonzi qabdithom epidemija ta' korruzzjoni. Ikollna aktar xi nghidu fuq dil-haga fil-gimghat li gejjin!"*

Rat ix-xhieda ta' **Dolores Cristina** moghtija fil-31 ta' Ottubru 2007 fejn qalet illi mis-sena 2004, hija kienet Ministru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali. Hi sahqet illi bil-kumment illi ghamel l-intimat, il-fama taghha bhala Ministru u bhala persuna normali giet attakata peress illi hija tissemma fil-kuntest ta' twettieq ta' tixhim fis-segretarjat taghha. Hija stqarret illi ghalkemm l-intimat qal illi kellu aktar xi jghid, huwa ma qal xejn aktar, u ghalhekk, skond hi, l-insinwazzjonijiet ma gewx ikkorroborati. Hija, madanakollu, ikkonfermat illi kien wasslilha informazzjoni dwar allegat abbuz minn persuni fil-Ministeru taghha izda barra mis-Segreterija Privata taghha, liema informazzjoni eventwalment hija ghaddiet lill-Pulizija ghall-investigazzjoni. Hija ghalhekk cahdet illi qatt kien hemm xi abbuz ta' tixhim fis-Segretarjat Privat taghha.

Rat ix-xhieda ta' **Bryan Magro** moghtija fil-31 ta' Ottubru 2007 fejn qal li hu, fil-kariga ta' Kap tas-Segretarjat tar-rikorrenti Cristina, hassu ingurjat ghax l-ebda wiehed mill-haddiema tieghu ma kienu involut f'xi tixhim, kif allega l-initmat.

Rat illi fit-13 ta' Novembru 2008, ir-rikorrent iddikjara illi ma kienx fadallu aktar provi.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Alfred Sant** moghtija fit-3 ta' Frar 2009, fejn huwa sahaq illi meta kien kiteb l-artikolu, il-pajjiz kellu problema fit-trasparenza fit-tmexxija tieghu, u kien hemm hafna klijentelizmu. Huwa sahaq illi ghalkemm kien qed jaghmel referenza ghall-Ministeru tar-rikorrenti Cristina, huwa ma kienx qieghed jaghmel referenza

personali ghaliha tant hu hekk illi l-Ministri kienu indikati fil-genittiv u mhux fin-nominattiv. Huwa sahaq illi l-kaz li kien qieghed jirreferi ghalih kien jirrigwarda proceduri fl-ghoti tal-pensjonijiet u li kien hemm persuna li hadet il-flus sabiex ikunu jistghu jigu kompletati xi proceduri ghall-pensjoni.

Dwar min kien attwalment involut f'tali allegazzjonijiet, huwa stqarr illi meta kiteb l-artikolu tieghu, l-informazzjoni kienet tindika illi dawna kienu impjegati fis-segretarjat privat. Madanakollu, sussegwentement, irrizulta illi tali persuna ma kienetx fis-segretarjat privat, izda kien jahdem fil-ministeru tar-rikorrenti Cristina, impjegat bhala ufficjal pubbliku.

Rat illi mill-11 ta' Marzu 2009 sat-28 ta' Novembru 2011, il-kawza kienet qed tigi differita mill-partijiet, peress illi kienu ghaddejjin trattattivi.

Rat illi fis-7 ta' Mejju 2012, wara illi l-intimat naqas milli jressaq aktar provi, il-provi tieghu gew dikjarati maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Ottubru 2012.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li fil-mument illi l-artikolu inkiteb, r-rikorrenti kienet Ministru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali filwaqt illi r-rikorrenti Bryan Magro kien kap tas-Segretarjat Privat tal-istess Ministru Cristina

Jirrizulta wkoll li l-intimat kiteb l-artikolu in kwistjoni meta huwa kien ghadu Kap tal-Opposizzjoni u kien anke Membru tal-Parlament, kariga illi huwa ghad ghandu sallum.

Illi dana qieghed jinghad, in vista tat-tielet eccezzjoni ta’ l-intimat, relatata mad-dritt illi jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu bhala deputat tal-poplu.

Jirrizulta wkoll illi, ghalkemm ma kienx hemm kaz ta' allegat abbuz direttament fis-Segretarjat Privat tal-Ministeru, kien hemm attwalment allegazzjonijiet serji dwar persuna illi jahdem fil-Ministeru tar-rikorrenti Cristina, liema allegazzjonjiet wassluha mis-Segretarjat Privat taghha u waslitha biex tirraporta l-kaz lill-Pulizija ghall-investigazzjoni.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ghalkemm, kif stqarr l-intimat stess, fil-mument meta ghamel il-kumment, huwa kien infurmat illi tali alegazzjonijiet kienu jirrigwardaw nies fis-segretarjat privat tar-rikorrenti, sussegwentement, huwa kien gie infurmat illi tali allegazzjonjiet kienu jirrigwardaw persuna illi jahdem fil-ministeru tar-rikorrenti Cristina u mhux fis-segretarjat privat taghha.

Illi dana qieghed jinghad in vista tar-raba eccezzjoni ta’ l-intimat, fejn huwa eccepixxa li d-diskors tieghu kien jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament jew value judgement, u huwa fair comment fuq materja ta' interess pubbliku.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu, kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza **Ligens vs Austria**, u abbracjata mill-Qorti Maltin, intqal illi:-

*Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large,*

*and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Illi, minn naha l-ohra, dwar id-difiza ta' 'fair comment', kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander** :

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Huwa fatt illi d-"difiza" tal-"fair comment" dejjem kienet intiza sabiex tissalvagwardja dritt li hu importanti daqs dak li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu, u cioe`d-dritt ta' l-espressjoni hielsa.

Kif inghad minn Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:
*The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

Issa, fil-kaz in ezami, jirrizulta illi l-kumment sar minn Membru tal-Parlament, li dak iz-zmien kien anke Kap tal-Opposizzjoni, illi ma qghadx jinheba wara il-Privilegg Parlamentari moghti lilu meta jikkummenta waqt seduta tal-Parlament, izda ghadda il-kummenti tieghu fil-miftuh,

dwar kwistjoni illi certament kellha importanza ta' interess pubbliku.

Jirrizulta wkoll illi, minn dak li qalet l-istess Ministru Dolores Cristina, fil-Ministeru taghha, kien hemm attwalment kaz ta' allegat abbuz illi di fatti hija rriferit lill-Pulizija ghall-investigazzjoni taghha.

Ghalhekk, ghalkemm ma kienx korrett l-intimat meta sahaq illi tali kaz sehh fis-Segretarjat Privat tal-Ministru, ma kienx zbaljat meta qal illi kien hemm attwalment tali tip ta' kazijiet, peress illi kienet il-Ministru Cristina stess li ammettiet illi kien hemm kaz serju.

Illi, fl-ispirtu tal-liberta tad-dritt ta' l-espressjoni, illi hija dritt sacrosant f' pajjiz demokratiku bhalma hija Malta, il-Qorti thoss illi ghalkemm jista' jkun li l-intimat kien zbaljat meta ppunta subajh lejn is-Segretarjat Privat tal-Ministru Cristina, hija ma tistax tissanzjona il-fatti illi huwa semma meta jidher li attwalment ma kienx daqstant zbaljat meta ppuntah lejn il-Ministeru tal-Ministru Dolores Cristina, peress illi irrizulta illi kien hemm allegat abbuz li gie rapportat lill-Pulizija mill-Ministru Cristina stess.

Illi, dwar il-lanjanza tal-Ministru Cristina illi dak li inkiteb kien jolqot lilha personalment, il-Qorti, filwaqt illi taghmel referenza ghal-livel oghla ta' kritika li huma suggetti ghalihom il-politici, fosthom allura ir-rikorrenti Cristina, ma tistax ma tinnutax ukoll illi fl-artikolu ma sarx referenza ghall-Ministru per se, izda ghall-ministeru taghha, b'mod illi huwa car li kwalsiasi referenza ma kienetx ghaliha personalment izda kienet ghall-Ministeru taghha.

Ghalhekk jidher illi l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat ghandhom jigu akkolti.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat ix-xhieda prodotta kif ukoll l-artikolu meritu tal-kaz odjern.

Wara illi qieset il-fatti kollha tal kaz.

Tghaddi biex tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat u tichad it-talba attrici.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------